# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 28 t'Ottubru, 2021**

Appell numru 321 tal-2021

**Il-Pulizija**
**vs**
**OMISSIS**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa bħala il-"Qorti Rimandanti) tal-4 t'Ottubru 2021.

2. Illi bis-saħħa tad-deċiżjoni aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti wara li qieset li r-reat li għalih kien qiegħed jintalab ir-ritorn tal-appellant lejn ir-Repubblika tal-Italja skont il-Mandat t'Arrest Ewropew (MAE) datat 7 ta' Ġunju 2019 ma kienx jista' jitqies bħala reat t'estradizzjoni fis-sens tar-regolament 12 tal-Avviż Legali 320 tal-2004, dik l-istess Qorti ordnat il-ħelsien tal-estradant OMISSIS.

3. Illi kif intqal, OMISSIS appella minn dik id-deċiżjoni u talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imsemmija aktar il-fuq fejn qieset li r-reat li għalih inħareġ il-MAE ma kienx reat ta' estradizzjoni fis-sens tar-regolament 12 tal-Avviż Legali 320 tal-2004 kif ukoll f'dik il-parti fejn dik il-Qorti ordnat li l-istess OMISSIS jiġi meħlus, mill-banda l-oħra tvarja dik id-

deċiżjoni fejn dik il-Qorti ċaħdet u/jew naqset milli tikkonsidra s-sottomissjonijiet l-oħra tar-rikorrent kif sollevati quddiem dik il-Qorti billi tikkonferma l-ordni tal-ħelsien tal-estradant rikorrent mhux biss għar-raġunijiet imsemmija minn dik il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha iżda wkoll għar-raġunijiet miġjuba minnu fir-rikors tal-appell.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet matul is-seduta miżmuma nhar it-18 t'Ottubru 2021;

5. Rat l-atti proċesswali;

## Ikkunsidrat

6. L-ewwelnett din hija Qorti tal-Appell inkarigata bir-reviżjoni tad-deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, li fi proċeduri taħt l-Att tal-Estradizzjoni hija riferita bħala l-Qorti Rimandanti.

7. Din il-Qorti, in kwanti hija Qorti tal-Appell ma tbiddilx l-analiżi tal-fatti u tal-liġi nonche d-deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati meta jkun jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati kienet legalment u raġonevolment korretta. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fil-każ **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT**[1] ġie deċiż li din il-Qorti tagħmel l-analiżi

---

[1] 21 ta 'April 2005. Ara wkoll, inter alia, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta 'Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta 'April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23rd January 2003, **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Ivan Gatt**, l-1 ta' Diċembru 1994; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta 'Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta 'April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta 'Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21st Octuber 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta 'Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, il-15 ta 'Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31st May 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31st May 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Domenic Briffa** intqal:

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl-ewwel lok lil-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx neċessarja taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu leġittimament u ragonevolment jaslu għall-verdett li ġè waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta 'din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'eżerċizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurja li tkun giet "well driven", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u leġittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, mill-Qorti ma tiddisturbahx (ara għal eżempju Ir-Repubblika ta ' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta 'Malta v. Eleno sive Lino Bezzina deċiżi mill-Qorti fl-24 ta'

dettaljata tagħha stess tal-atti proċesswali quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza sabiex tara jekk dik il-Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjonijiet tagħha. Jekk bħala riżultat ta' din l-analiżi dettaljata din il-Qorti ssib li l-Qorti tal-ewwel istanza ma setgħetx b'mod raġonevoli u legali tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha, allura din il-Qorti jkollha raġuni valida, jekk mhux impellenti, biex tvarja d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Qorti tal-Prim'Istanza u anke tibdel il-konklużjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha. Fil-kors ordinarju tal-funzjonijiet tagħha, din il-Qorti ma taġixxix bħala qorti ta ritrattazzjoni, fis-sens li ma terġax tisma' l-każ u ma tiddeċidix mill-ġdid; iżda tintervjeni meta tara li l-Qorti tal-Maġistrati, tkun għamlet evalwazzjoni żbaljata tal-evidenza jew interpretat il-Liġi ħażin - u b'hekk tirrendi d-deċiżjoni tagħha mhux sigura u mhux sodisfaċenti. F'dak il-każ din il-Qorti għandha s-setgħa, u tabilħaqq, id-dmir li tbiddel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jew dawk il-partijiet tad-deċiżjoni tagħha li jirriżultaw li huma żbaljati jew li ma jirriflettux interpretazzjoni korretta tal-Liġi.

8. Apparti minn hekk, proċeduri t'estradizzjoni huma proċeduri ta' natura penali kondotti quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali. Proċediment t'estradizzjoni jiġi mmexxi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, iżda li għall-fini tal-Att dwar l-Estradizzjoni hija riferita bħala il-Qorti Rimandanti, bi dritt t'appell, skont fejn huwa previst mil-Liġi, lill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fil-fatt fil-proċedura fl-ismijiet Il-Pulizja vs. Ronald Agius quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, fid-deċiżjoni tiegħu tat-23 ta' Lulju 2001, il-Prim'Imħallef Emeritu Vincent de Gaetano kien stqarr is-segwenti :

> Ikun opportun qabel xejn li jigu precizati certi punti. Il-proceduri ta' estradizzjoni fil-ligi taghna, cioe` dawk il-proceduri li jibdew quddiem il-qorti rimandanti u li jistghu jitkomplew quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (bhalma qed jigri f'dan il-kaz) ma humiex proceduri li fihom persuna tigi imputata jew akkuzata b'reat. Persuna ma tingiebx quddiem il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-kaz, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, sabiex tigi "ggudikata" dwar xi reat; fi proceduri ta' estradizzjoni ma hemm ebda "criminal charge" x'tigi "determined"; il-proceduri ta' estradizzjoni huma intizi biss sabiex jigi stabbilit jekk hemmx il-presupposti fattwali u formali skond il-ligi (inkluza lKostituzzjoni – Art. 43) sabiex it-talba ta' pajjiz barrani ghat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz ta' persuna partikolari tintlaqa' (ara Colin

April 2003, Ir-Repubblika ta 'Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta 'Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta 'Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din Qorti fis-7 ta 'Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deċiż minn din il-Qorti fl-1 ta 'Diċembru 1994).

John Trundell v. Onorevoli Ministru ta' l-Affarijiet Barranin et. Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' April, 1991; Anthony Satariano v. L-Avukat Generali u l-Kummissarju talPulizija Prim Awla tal-Qorti Civili, 15 ta' Lulju, 1997; ara wkoll l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 276). Addirittura l-ordni ghat-treggigh lura lejn il-pajjiz li jkun ghamel it-talba anqas jinghata jew jinhareg minn qorti izda mill-Ministru responsabbli ghall-gustizzja (Art. 21, Kap. 276). Ikun biss jekk dik il-persuna tigi mibghuta lura lejn dak li pajjiz li hija tigi, f'dak il-pajjiz, akkuzata b'reat u processata ghal dak ir-reat jew, jekk it-talba tkun saret minhabba li dik il-persuna tkun "unlawfully at large" (ara l-Artikoli 3 u 6 tal-Kap. 276), hija tibda, f'dak il-pajjiz, tiskonta s-sentenza li tkun precedentement inghatatilha f'dak il-pajjiz.

Isegwi, ghalhekk, li l-proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali – il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-kaz, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – huma proceduri sui generis, regolati b'ligi specjali, fil-kaz taghna l-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276. Certament mhux applikabbli ghal proceduri ta' estradizzjoni l-Artkolu 5 tal-Ordinanza dwar it-Tifsir tal-Pieni (Kap. 23), peress li din il-ligi tirrigwarda biss reati li huma gudikabbli mill-qrati Maltin u hi limitata ghal kwistjonijiet ta' piena ghal tali reati (kif jidher car mill-Artikolu 2 tal-imsemmija Ordinanza). Id-disposizzjonijiet tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali (Ligijiet ta' Procedura Kriminali) huma applikabbli ghal proceduri ta' estradizzjoni fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-Att dwar l-Estradizzjoni. Hekk, per ezempju, il-kompitu inizjali tal-ezami tat-talba ghat-treggigh lura gie mholli millimsemmi Att f'idejn "il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' kumpilazzjoni"; din il-qorti giet moghtija isem partikolari – "qorti rimandanti"; u gie ukoll espressament provvdut li din il-qorti "ghandu jkollha ghall-finijiet talprocedimenti skond dan l-artikolu1 l-istess setghat, safejn jista' jkun2 , maghduda s-setgha li tibghat f'kustodja jew tehles mill-arrest bi plegg, kif limsemmija qorti3 ghandha meta tkun kostitwita kif intqal qabel4 ". Minn dana jidher car li l-qorti rimandanti, ghalkemm ghandha s-setghat (safejn dawn huma kompatibbli mal-proceduri ta' estradizzjoni) ta' Qorti Istruttorja, ma tikkonducix istruttorja kif jipprovdi l-Kodici Kriminali, izda ghandha funzjoni u kompitu specjali moghti lilha proprju taht u skond il-Kap. 276. Infatti, li kieku l-qorti rimandanti kellha tigi ekwiparata ghal kollox mal-Qorti Istruttorja, ma kienx ikun hemm id-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Il-Kap. 276, invece, u a differenza ta' dak li jipprovdi l-Kodici Kriminali fir-rigward ta' decizzjonijiet tal-Qorti Istruttorja, specifikatament jaghti dritt ta' appell generali kemm lill-persuna li tkun mibghuta taht kustodja mill-qorti rimandanti ghallfinijiet ta' treggigh lura (Art. 18, Kap. 276) kif ukoll, f'kaz li d-decizzjoni tal-qorti rimandanti tkun li t-treggigh lura ma jistax isir, lill-Avukat Generali (Art. 19). Min dan kollu jidher car li l-mod li l-legislatur Malti ried li jigu trattati l-proceduri ta' estradizzjoni, sia quddiem l-ewwel qorti – il-qorti rimandanti – kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, hu differenti minn kif jigu trattati kawzi fejn persuna tkun imputata jew akkuzata b'reat quddiem xi wahda mill-qrati taghna.

9. Il-proċeduri t'estradizzjoni għalhekk huma msejsa fuq l-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta (aktar l-isfel

imsejjaħ bħala l-“Att”) u r-regolamenti maħruġa taħtu. Fosthom hemm l-Avviż Legali 320 tal-2004, ossija Liġi Sussidjarja 276.05 (aktar l-isfel imsejjaħ bħala l-“Ordni”)li fuqhom huma msejsa il-proċeduri odjerni. Dawn huma proċeduri partikolari ħafna, sa ċertu punt “sui generis”, bażati fuq id-Deċizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta’ Ġunju, 2002 fuq il-mandat ta’ arrest Ewropew u l-proċeduri ta’ konsenja bejn Stati Membri magħmul f’Lussemburgu fit-13 ta’ Ġunju, 2002, adottat konformement mat-Titolu VI tat-Trattat, li għandu l-pattijiet tiegħu stipulati fl-arranġament relattiv u pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern li ġġib id-data ta’ l-1 ta’ Ġunju, 2004, kif emendat bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta Frar, 2009 (aktar l-isfel magħruf bhala l-“Arranġament”) intiżi sabiex jitħaffef il-proċediment ta’ treġġiegħ ta’ persuni li jkunu fit-territorju tal-Unjoni Ewropeja u li jkunu allegatament ikkommettew reati kriminali f’xi pajjiż rikjedent jew f’territorju ieħor li għalih jistgħu jirreferu dawn ir-regolament kif ukoll, f’ċerti ċirkustanzi, f’kuntest t’estraterritorjalita.

10. Dawn il-proċeduri huma soġġetti għall-prinċipju bażiku imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru li jippreskrivi l-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku t’atti ġudizzjarji u l-fiduċja reċiproka li Awtoritajiet Ġudizzjarji għandhom ikollhom fi ħdan din l-Unjoni. Wieħed jifhem li dawn huma prinċipji relattivament riċenti li ddaħlu fl-ordinament ġuridiku Malti u Ewropew, li ma kienux mingħajr skossi u polemiki, kif ukoll għadhom qegħdin jevolvu. L-Istat Malti għażel li jintroduċi dan il-qafas regolatorju bħala parti mill-ordinament ġuridiku tiegħu.

11. Dan iġib miegħu ċerti konsegwenzi. Fosthom li r-regoli imsemmija fl-Ordni li huma bbażatati fuq l-Arranġament, jiddipartixxi wkoll minn ċerti prinċipji oħra li kienu jeżistu qabel fil-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta’ Malta. Anzi ġew introdotti proċeduri speċifiċi sabiex il-konsenja ta’ persuna minn Stat tal-Unjoni Ewropea għal ieħor isir b’mod aktar ċeleri, b’inqas burokrazija u kavilli tekniċi jew legali.. Fi ftit kliem, fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-livell ta’ żvilupp komuni fil-kamp tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp fil-liġi penali kemm sostantiva kif ukoll proċedurali waslu sabiex l-iStati Membri ta’ din l-Unjoni jafdaw aktar lil xulxin u lill-Awtoritajiet Ġudizzjarji fi ħdanhom fuq livell ferm akbar minn dawk tal-iStati Terzi.[2]

[2] Ara d-diskors ta’ Lord Hope of Craighead fil-kaz **Office of the King’s Prosecutor, Brussels (Respondents) v. Armas** [2005] UKHL 67.

**Ikkunsidrat**

12. Illi l-proċedura relattiva li tirregola kif isir appell minn deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti hija regolata kemm mill-Att dwar l-Estradizzjoni, kif ukoll mill-Ordni – li jippreskrivu regoli speċifiċi dwar min jista' jappella minn deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti u f'liema ċirkostanzi.

13. L-Ordni jippreskrivi d-dritt tal-appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti b'dan il-mod:

> 32. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 18 u 19, it-tnejn inklużi, ta' l-Att rilevanti għandhom ikunu japplikaw għal appelli li jsiru minn persuna li tinżamm taħt kustodja u għal appelli mill-Avukat Ġenerali skond il-każ u għal rikors għal rimedju fil-Qorti Kostituzzjonali taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.
>
> 32A. Id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali għandha tingħata mhux iżjed tard minn xahar li jibda għaddej mill-ġurnata meta jiġi ppreżentat appell mill-Avukat Ġenerali jew mill-persuna li dwarha jkun inħareġ il-mandat taħt it-Taqsima II

14. F'dan il-kuntest għalhekk hija l-Ordni nnifisha li tirrendi il-proċedura tal-appell skont l-Att ukoll applikabbli għal kuntest partikolari tal-MAE. L-Artikoli 18 u 19 tal-Att jgħidu s-segwenti :

> 18.(1) Appell minn ordni li jibgħat persuna taħt kustodja skont l-artikolu 15 għandu jsir b'rikors lill-Qorti tal-Appell Kriminali, li jkun fih talba għar-revoka tal-ordni tal-qorti, u għandu jiġi preżentat fir-reġistru tal-qorti rimandanti mhux iktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol mid-data tal-imsemmi ordni.
> (2) Ir-Reġistratur tal-qorti rimandanti għandu, mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol ta' wara, jibgħat ir-rikors, flimkien mal-proċess, lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Appell Kriminali, li għandu, mingħajr dewmien, jibgħat kopja tar-rikors lill-Avukat Ġenerali.
> (3) Avviż tal-jum stabbilit għas-smigħ tal-appell għandu jintbagħat mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Appell Kriminali lill-appellant u lill-Avukat Ġenerali: Iżda, ħlief bil-kunsens kemm tal-appellant u kemm tal-Avukat Ġenerali, dak is-smigħ ma għandux isir qabel ma jgħaddu jumejn tax-xogħol wara li l-imsemmi avviż ikun ingħata.
> (4) Jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tirrevoka d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati il-qorti għandha tordna li l-appellant jiġi liberat.
>
> 19.(1) Meta d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun hekk lit-treġġigħ lura tal-persuna li jkun mitlub ma jistax isir, il-qorti għandha, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, tibgħat lill-Avukat Ġenerali l-proċess flimkien ma' kopja tad-deċiżjoni tagħha, u l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data li fiha jirċievi dak il-proċess, jappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali

b'rikors, li jkollu miegħu l-imsemmi proċess u kopja tad-deċiżjoni tal-qorti rimandanti, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lill-persuna li t-treġġigħ lura tagħha jkun qed jiġi mitlub.
(2) Fuq kull appell skont dan l-artikolu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 18(3) għandhom japplikaw mutatis mutandis u jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali tordna li l-persuna li t-treġġigħ tagħha jkun qed jiġi mitlub tintbagħat taħt kustodja dak l-ordni għandu jiġi meqjus, għall-finijiet kollha barra milli għal appell dwaru, bhala ordni li jibgħat lil dik il-persuna taħt kustodja.

15. Fil-każ ta' dan l-appell, dil-Qorti sejra tiffoka fuq l-appell magħmul mill-estradant. Skont l-Ordni, estradant għandu dritt t'appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti, skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 18 tal-Att fil-każ li huwa jkun li jikkwalifika bħala "persuna li tinżamm taħt kustodja". Dan huwa rifless ukoll fl-artikolu 18 tal-Att meta jippreskrivi li hemm lok t'appell minn ordni li jibgħat persuna taħt kustodja skont l-artikolu 15 tal-Att. Fl-istess waqt ma jippreskrivix jedd t'appell anke lil persuna li tkun ġiet liberata jew meħlusa mill-Qorti Rimandanti. L-anqas ma dan il-jedd t'appell tal-persuna meħlusa ma jirriżulta mogħti fl-Ordni nnifisha. Anzi skont l-istess regolament 32 tal-Ordni l-appell konċess huwa dak lil persuna li tinżamm taħt kustodja u mhux lil persuna li tkun meħlusa.

16. L-anqas ma tista' tinġieb analoġija mal-posizzjoni tal-Liġi ġenerali misjuba fil-Kodiċi Kriminali. Qabel xejn, il-proċedura t'estradizzjoni hija lex specialis u b'hekk huwa l-Att u l-Ordni li jirregola l-proċeduri tal-estradizzjoni. Iżda anke jekk, biss "gratia argomenti", kellha tinġieb analoġija mal-posizzjoni relattiva tal-appelli kriminali fil-Kodiċi Kriminali, tali analoġija tfalli milli treġi. Qabel xejn id-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti mhix digriet interlokutorju fis-sens tal-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali, li b'hekk mhux applikabbli. Apparti minn hekk fil-proċedura tal-estradizzjoni ma hemm ebda persuna li tiġi dikjarata ħatja li tkun tista' tintitolaha għal dritt t'appell ġenerali taħt l-artikolu 413(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-anqas ma hemm jedd awtomatiku għal appell għal persuna li tkun milquta mis-sentenza liberatorja tal-Qorti tal-Maġistrati. Anzi il-ġurisprudenza turi li persuna tkun meqjusa milquta mhux għax ikun għad hemm lok li jiġi interpost xi appell mill-Avukat Ġenerali li jkun jista' jibdel l-istatus quo tal-persuna liberata, iżda fil-każ fejn il-persuna li tkun ġiet liberata, tintlaqat negattivament bħala effett jew konsegwenza tas-sentenza liberatorja.

17. Dan mhux il-każ hawnhekk. Fil-każ tal-proċeduri tal-estradizzjoni il-persuna suġġetta għall-estradizzjoni jew tiġi ordnata

li tinżamm taħt kustodja sabiex tistenna r-ritorn tagħha lejn il-pajjiż rikjedent, jew inkelli tiġi meħlusa. Meħlusa jfisser li tkun "discharged". Dan ifisser li mal-mument li l-Qorti Rimandanti tiddekreta li huwa ġie meħlus, il-liberta tal-persuna estradanta ma tibqax iżjed suġġetta għal restrizzjonijiet direttament jew indirettament marbuta mal-ordni li biha hi tkun ġiet arrestata fil-bidu tal-proċedura bis-saħħa tal-MAE partikolari. B'hekk ma tibqax soġġetta għal dak il-mandat u l-proċeduri relattivi għalih. Imbagħad jekk jappella l-Avukat Ġenerali, l-estradant xorta waħda jibqa' jgawdi mill-istatus tal-ħelsien tiegħu. Huwa jkun jista' jiddefendi ruħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali billi jressaq dawk l-argumenti kollha li jidhirlu li jkunu xierqa : kemm dawk ventilati quddiem il-Qorti Rimandanti kif ukoll raġunijiet oħra opportuni. Iżda ladarba jkun ġie meħlus mill-Qorti Rimandanti, la l-Att u l-anqas l-Ordni ma jagħtuh dritt li jinterponi appell – anke jekk il-Qorti Rimandanti ma tkunx laqgħet xi argumenti tiegħu matul il-kors tad-dibattitu tal-proċedura tal-estradizzjoni. L-enfażi ta dil-Liġi speċjali konċedenti d-dritt tal-appell ma tistrieħx fuq jekk argument tal-estradant ikunx ġie milqugħ o meno daqskemm fuq l-effett fuq l-istatus tal-estradant li jitnissel mid-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti. Jekk bid-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti l-istatus tal-estradant jiġi kwalifikat bħala persuna li tiġi ordnata li tinżamm taħt kustodja bil-għan li tiġi ritornata lejn l-iStat Rikjedent, hemmhekk il-Liġi tqis li l-istatus ta' dik il-persuna ġie affettwat negattivament b'mod li jintitolha li tinterponi appell minn dik id-deċiżjoni. Id-dritt t'appell f'dak il-punt huwa wieħed ġeneriku u ħieles. Mill-banda l-oħra jekk il-persuna estradanta tiġi meħlusa mill-Qorti Rimandanti, il-Liġi ma tqisx li l-istatus tagħha ta' persuna meħlusa jimmerita li tingħata jedd t'appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Rimandanti – anke fejn dik il-Qorti ma tkunx laqgħet l-argumenti kollha tal-persuna estradanta – in kwantu l-konklużjoni ta' dik il-Qorti li teħles lil dik il-persuna mill-effetti tal-MAE mhux meqjus li jaffettwa negattivament l-istatus tal-persuna estradanta hekk meħlusa. Allura jiġi nieqes id-dritt tal-appell f'dik iċ-ċirkostanza.

18. Il-fatt li l-Liġi speċifika tal-Estradizzjoni – kemm fl-Att kif ukoll fl-Ordni hija siekta fuq jekk persuna meħlusa għandhiex ukoll dritt t'appell speċifiku għaċ-ċirkostanzi ma jfissirx li għax dik il-Liġi hija siekta, allura l-persuna meħlusa jitqies li għandha dritt t'appell taħt xi liġi t'indoli ġenerali. Kif deċiż minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta, fis-sentenza tad-19 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet **Pulizija vs. Reuben D'Amato** :

11. Il-pozizzjoni legali korretta, izda, hi bl-invers. L-ordinament tal-procedimenti legali jemana biss u esklussivament mil-ligi kif mdawwla bl-interpretazzjoni taghha mill-qrati li ghandhom il-funzjoni li jaghtu t-tifsira awtentika tal-ligijiet tal-pajjiz. Hija wkoll il-ligi li tippreskrivi l-parametri tal-kompetenza ta' kull qorti u ebda qorti ma tista' tohrog 'il barra minn dawk il-parametri ghaliex anki lqrati huma soggetti ghall-ligi. Ghalhekk, jekk il-ligi ma taghtix dritt ta' appell minn xi decizjoni ta' xi qorti jkun isegwi li dak id-dritt ta' appell ma jkunx jezisti skont il-ligi. Huwa ghal kollox illogiku li jigi sostnut li skont il-ligi jezisti dritt ta' appell meta tali dritt ma hux moghti mil-ligi. Sabiex ikun jista' jigi sostnut dak sottomess mid-difiza irid fl-ewwel lok jigi muri li l-ligi tipprovdi dritt generali ta' appell minn kull decizjoni ta' prim istanza. Id-difiza, izda, f'ebda stadju ma indikat lill-qorti xi dispozizzjoni legali li taghti tali dritt generali ta' appell minn kull decizjoni ta' qorti ta' kompetenza kriminali. Id-difiza, salv dak li ser jinghad dwar is-sottomissjonijiet ulterjuri taghha dwar il-kwistjoni tal-appellabilita' tad-decizjoni minnha appellata, naqset ukoll milli tindika xi dispozizzjoni specifika li taghti dritt ta' appell minn xi decizjoni bhal dik hawnhekk appellata.

12. Anqas ir-riferenza ghall-artikolu 35 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili ma hu ta' sostenn ghas-sottomissjoni tad-difiza. Dak l-artikolu ma huwiex intiz biex jeskludi dritt ta' appell li kien altrimenti jezisti minhabba s-silenzju tal-ligi dwar il-materja izda kien necessarju proprju ghaliex il-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili ma hux silenzjuz dwar il-materja. Di fatti diversi dispozizzjonijiet ta' dak il-Kodici esplicitament jiddefinixxu meta u f'liema cirkostanzi decizjoni ta' prim istanza hi appellabbli quddiem il-Qorti tal-Appell. Hekk, l-artikolu immedjatament precedenti l-artikolu 35 msemmi, u cioe' l-artikolu 34, jipprovdi fil-principju dritt generali ta' appell fejn jinghad li, salv fejn il-Kodici jew xi ligi ohra jipprovdu mod iehor, "mis-sentenzi tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili jista' jsir appell lill-Qorti ta' l-Appell" u aktar tard l-artikoli 229 et. seq. tal-istess Kodici jelenkaw dettaljatament meta u f'liema stadju jinghata dritt ta' appell minn digrieti tal-qrati ta' kompetenza civili waqt li l-artikolu 41(5)(6) u 42 tal-istess Kodici jiddefinixxu b'mod generali l-kompetenza tal-Qorti tal-Appell. Ghalhekk l-artikolu 35 citat mid-difiza certament ma kienx necessarju ghaliex il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa silenzjuz dwar id-dritt ta' appell izda kien necessarju proprju ghaliex l-istess Kodici, kif mistenni, ma hux hekk silenzjuz u jirregola esplicitament u bi precizjoni id-dritt ta' appell u ghalhekk, darba li l-legislatur ried jeskludi f'kull cirkostanza kull dritt ta' appell minn digrieti tal-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja kien jehtieglu espressament jipprovdi ghaldaqshekk bl-artikolu 35 msemmi.

13. Id-difiza sostniet ukoll li la fil-Kodici Kriminali u anqas f'xi ligi ohra specifika ma hu provdut illi d-decizjoni tal-ewwel istanza hija finali fil-kaz odjern u ghalhekk sostniet li hemm dritt ta' appell minn kull min jinstab hati minn qorti tal-ewwel istanza u konsegwentement ghal dik is-sejbien ta' htija jinghata piena.

> 14. Izda din is-sottomissjoni hija wkoll minghajr fondament guridiku. Fejn hemm dritt ta' appell irid necessarjament ikun hemm qorti, tribunal jew awtorita'.
>
> 15. Il-qrati ta' kompetenza kriminali huma l-Qorti tal-Magistrati (bhala qorti ta' gudikatura jew bhala qorti istruttorja) u l-Qorti Kriminali. L-unika qorti prevista mill-ligi bhala kompetenti fi stadju ta' appell minn decizjonijiet talqrati msemmija hija din il-Qorti. Minn sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali hemm appell lil din il-Qorti komposta minn Imhallef wiehed. Izda d-decizjoni appellata ma hix decizjoni ta' Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali. Din il-Qorti ma nghatat ebda kompetenza mil-ligi li tiddeciedi appelli minn decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti istruttorja. Finalment, minn decizjonijiet tal-Qorti Kriminali hemm appell lil din il-Qorti komposta minn tliet Imhallfin. Il-kompetenza ta' din il-Qorti kif komposta hi arginata mil-ligi bhal ma hi arginata mil-ligi l-kompetenza taghha bhala qorti tal-appell minn decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati.

19. In definittiva, din il-Qorti jidhrilha li fejn il-Liġi Maltija ma tippermettix li jsir appell, din l-istess Qorti ma tistax teroga hi, marte proprio, is-setgħa li tisma' appell simili. Anzi, skont ma ġie mistqarr fis-sentenza **D'Amato** aktar il-fuq ċitata :

> 9. L-appellabilita' tad-decizjoni appellata, li hi ta' ordni pubbliku u in kwantu tali sollevabbli anki ex ufficio millQorti, hi l-ewwel kwistjoni li trid necessarjament tigi indirizzata l-ewwel peress li jekk jirrizulta li d-decizjoni appellata hi fil-fatt u fid-dritt inappellabbli jkun isegwi li rrikors tal-appell huwa wiehed irritwali u null u konsegwentement ma jkunx hemm htiega li din il-Qorti tikkonsidra l-aggravji migjuba fih.

20. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appell interpost mill-appellant jaqa' fil-parametri hawn fuq imsemmija. L-appellabilita o meno tad-deċiżjoni appellata - għal dak li jirrigwarda lilu bħala persuna meħlusa u mhux persuna li tkun ġiet ordnata li tinżamm taħt kustodja sabiex titreġġa lura lejn l-iStat Rikjedenti – hi kwistjoni t'ordni pubbliku u sollevabbli anke ex officio mill-Qorti. Dan peress li l-Liġi speċjali tal-Estradizzjoni ma tagħtix dritt t'appell lill-estradant li jkun ġie meħlus a differenza tal-każ fejn l-estradant ikun ġie ordnat li jinżamm taħt kustodja. Ladarba l-estradant ma għandux dritt t'appell f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-appell intavolat minnu għandu jitqies bħala irritu u null in kwantu karenti minn bażi legali.

# Deċide

Għall-dawn il-motivi, din il-Qorti tiddikjara l-appell tal-estradant bħala irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**